KUNSILL LOKALI KALKARA LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara**

# It-9 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 3/25**

12 ta' Marzu 2025

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 12, Binja tas-Salvatur, Wesgħet l-10 ta' Diċembru,1897 fl-4 ta' wara nofsinhar.

## PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Wayne Aquilina | - Sindku |
| Speranza Chircop | - Viċi-Sindku |
| Maria Sultana | - Kunsilliera |
| Vincent Bongailas | - Kunsillier |
| Christopher Bruno | - Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI:**

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Etienne Scicluna – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgħa. Wara li saret l-Elezzjoni Kaswali, il-Kummmissarju Elettorali nforma lis-Segretarju Eżekuttiv li Is-Sur Christopher Bruno ġie elett bħala kunsilleri fil- lokalita` tal-Kalkara. Is-Sur Bruno ħa l-ġurament tal-aċċetazzjoni quddiem il-Kummissarju tal-Ġustizzja u l-Kunsill Lokali.

**3.25.1** **<u>Qari ta' Ittri ta' Apoloġija</u>**

3.25.1.1 Ma kienx hemm.

**3.25.2** **<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Minuti</u>**

3.25.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 3.25 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija.

3.25.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni mis-Sa Maria Sultana u sekondati mis-Sa Speranza Chircop l-minuti ta' seduta 3.25 ġew approvati unanimament.

3.25.2.3 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokumenti korretti.

**3.25.3** **<u>Punti mill-Minuti Preċedenti</u>**

6.24.5.3 **Festa Ħelu**

Is-Sindku qal li din is-sena l-attivita' ta-Festa Ħelu ngħatat dehra ġdida (*uplift*) mill-edizzjonijiet passati, grazzi għall-iskema li ħareġ id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li permess tal-fondi addizzjonali minn din l-iskema, il-Kunsill seta' jabbinaha mal-Karnival.

2.25.3.1 **Kalkara Fun Walk 2025**

Is-Sindku ħeġġeġ li kunsilliera sabiex jkomplu jippromwovu l-Fun Walk li ser issir il-Ħadd fit-23 ta' Marzu 2025 ħalli jkun hemm aktar parteċipazzjoni mis-snin ta' qabel.

2.25.5.2 **Skema tat-Tħaddir b'Inizjattivi minn Project Green**

Il-Sindku nforma li l-proposti mressqa mill-kunsilliera ġew mgħdddija lill-Project Green.

**3.25.4** **<u>Kommunikazzjoni mis-Sindku</u>**

2.25.7.2 ***Roundabout* qabel it-Telgħa tal-Esplora**

Għal diversi ġimgħat u xhur, is-Sindku flimkien mal-kunsilliera ddiskutew is-sitwazzjoni tar-*roundabout* il-ġdida li saret mal-Proġett tax-Xatt u li wrew it-tħassib tagħhom dwarha. Dan minħabba l-fatt li kif ġie mfassla din ir-roundabout qed twassal għal diversi inċidenti tat-

traffiku minħabba nuqqas ta' osservanza tas-sinjali tat-traffiku missewwieqa stess.

Is-Sindku enfasizza l-ħtieġa li għandha tiġi rattifikata s-sitwazzazzjoni kemm jista' jkun malajr biex jiġu evitati aktar inċidenti tat-traffiku. Żied jgħid illi uħud mir-residenti jagħmlu l-kritika tagħhom iżda mhux kulħadd jikteb fuq il-medja soċjali b'ċertu fatti.

B'mod kontinwu, s-Sindku jikteb dwar l-ilmenti lil Transport Malta u li fihom jinkludi lil GHRC, l-entita' li għamlet il-proġett infrastrutturali tax-xatt. Is-Sindku qal li d-diskussjonijiet mal-entitajiet kkonċernati fosthom il-Perit Antoinette Conti mit-Transport Malta ilhom għaddejjin mis-7 ta' Frar 2025. Fakkar li fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill tkellmu dwar li f'każ li titneħħa din ir-roundabout, min ikun ġej minn naħa tal-Misraħ, is-sewwieq irid jibqa' tiela' sar-roundabout li tinsab viċin il-Kunsill Lokali sabiex idawwar.

Is-Sindku nnota wkoll li fl-4 u l-5 ta' Marzu, il-Perit Conti ġiet fuq il-post fejn tinsab din ir-roundabout sabiex tagħmel il-verifiki u tipprepara rapport ddettaljat fuq is-sitwazzjoni preżenti. Wara li sar dan it-rapport u s-Sindku talab laqgħa b'urġenza magħhom li saret fil-11 ta' Marzu 2025, it-Transport Malta pproponiet li tinbena l-parti tan-nofs tar-roundabout li bħalissa hija mmarkata biss biż-żebgħa u li madwarha tista' tiġi elevata b'kurduni. B'żieda ma' dan, ipproponew ukoll li jinbnew central strips. Iz-*zebra crossing* li hemm fi Triq Malta Rebbieħa tiġi humped/arched. Minn naħa l-oħra, il-GHRC għadhom ikkunsidraw li minflokk central strip fissa, jitwaħħlu bollards fl-immedjat. Sa dalgħodu, is-Sindku nfurmat li l-GHRC bdiet tiġbor il-kwotazzjonijiet għalihom. Is-Sindku għamilha ċara li din hija triq arterjali li l-Kunsill ma jidħolx fiha u li mhux biex inaqqas ir-responsabbilita' tal-Kunsill imma kulħadd għandu l-irwoli tiegħu.

Fuq nota differenti iżda relatata mal-proġett tax-xatt, is-Sindku ppropona li għandhom isiru bollards u humps maz-*zebra crossing* fis-service road li hemm fil-Misraħ man-naħa tal-istabbilimenti nkluż katina li tgħaddi minn ġol bollards eżistenti sabiex din l-akkwata tkun aktar sigura għall-pubbliku.

Is-Sur Bongailas ippropona li ssir tabella tal-istop sign minflok tal-*give way* li ħdejn ir-*roundabout* ikkonċerata u li jekk ser isir xogħol infrastrutturali, il-ħaddiem jridu joqgħodu aktar attenti minħabba li għaddejjin ħafna servizzi minn taħt l-art.

Is-Sa Sultana qalet li din il-kwistjoni setgħet ġiet evitata mill-bidu tal-proġett kieku l-affarijiet saru b'aktar pjanar. Żiedet tgħid li rridu nieħdu ħsieb ir-residenti u mhux niffukaw biss fuq is-sewwieqa.Is-Sa Sultana issuġġeriet li ssir zebra crossing fid-dħul għal Triq Malta Rebbieħa biex persuni jkunu jistgħu jaqsmu għat-telgħa li tagħti għall-Esplora.

Is-Sur Bongailas qal li l-fiżjonomija tar-*roundabout* għandha tinbidel speċjalment il-parti fejn wieħed ikun ħiereġ mit-Triq tar-Regatta.

3.25.4.1 **Tibdil ta' *Dog Bin***

Fl-aħħar ġimgħat, il-Kunsill biddel 5 *dog bins* madwar f'Dawret Giovanni Bichi u fi Triq Missjoni Taljana għax kienu antiki ħafna.

In konnessjoni mad-dog bins, is-Sa Sultana semmiet li matul il-laqgħa tal-Kunsill tat-Tfal, xi tfal issuġġerew li jitwaħħal *dog bin* fil-Bajja tar-Rinella.

3.25.4.2 ***Refurbishment* tal-Mina tas-Salvatur**

Is-Sindku tkellem dwar l-andament tal-Mina tas-Salvatur fejn madwar sena ilu kien ingħata l-*asfaltar* qabel id-daħla tal-istess mina u li sussegwentament inqalgħet l-art tagħha. Minħabba li kellu jsir xi xogħolijiet f'din il-mina, is-Supretindenza tal-Kultura (SCH) waqfet ix-xogħolijiet għax kienu ser jiġu affetwati l-forti.

Is-Sur David Vassallo, il-perit tal-Infrastructure Malta (IM) responsabbli mix-xogħolijiet tal-mina ltaqa' mas-Sindku. Is-Sindku rrimarka li kien kiteb lill-IM fejn talab risposta konkreta biex ikun hemm *way forward.*

Ftit ġimgħat ilu, l-SCH approvat ix-xogħolijiet tal-mina u għalhekk ġie mqabbad kuntrattur biex jagħmel ix-xogħolijiet relatati mal-art tal-mina biss. Is-Sindku qal li l-art ser pavimentata minħabba li skont l-istorja u l-wirt tagħha qed jissuspetta li din ġejja pedonali biex tkun protetta. Minġabba f'hekk, ser tkun qed taffettwa ċertu nies, f'każ li l-art tiġi waħda pedonali. Għalhekk, il-Kunsill ser ikun kostrett jieħu ċertu deċiżjonijiet.

3.25.4.3 **Inventarju tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill**

Fl-aħħar laqgħa, is-Sa Sultana qalet li l-Kunsill għandu jagħmel inventarju tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill wara li kien ma kienx instabu xi affarijiet.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u ser jipprepara l-invernarju u ser jgħaddih lill-Kunsill sabiex jiddeċiedi x'hemm relevanti.

3.25.4.4 **Ingaġġ ta' Skrivana Ġdida taħt tal-Iskema RSSL**

Is-Sindku nforma l-Kunsill li kellu kommunikat ming]and l-RSSL u staqsewh jekk jistax tiġi mpjegata persuna li tista' tagħmel xogħol klerikali. Is-salarju tal-iskrivana jkun kopert mill-RSSL.

5.24.4.1 **Espressjoni ta' Interess għall-Xufier Azzjonali tal-Vann tal-Kunsill**

Ftit xhur ilu, is-Segretarju Eżekuttiv kien ivverifika mad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali dwar l-Espressjoni ta' Interess li ħarġet għall-ħaddiema tal-Kunsill u dawk li huma assenjati mal-istess Kunsill bħala *releaver.* Madanakollu, huwa ġie ggwidat li l-Kunsill ma jistax iħallas persuna li taħdem *full-time* u

fl-istess ħin toffri s-servizz bħala xufier u titħallas tiegħu wkoll. Fid-dawl ta' dan, l-Espressjoni ta' Interess ġiet irtirata.

Għalhekk, il-Kunsill reġa' staqsa jekk l-istess xogħol jistax jiġi provdut minn Kunsillier. Is-Segretarju Eżekuttiv ser jagħmel il-verifiki dwar din it-talba u jinforma l-Kunsill bl-eżitu.

**3.25.5 Korrispondenza**

3.25.5.1 **Diskussjoni dwar l-Quarterly Report minn Settembru sa Diċembru 2024 u l-Financial Statements 2024**

Fl-aħħar laqgħa, is-Sa Chricop u s-Sa Sultana talbu xi kjarifiki dwar il-Financial Statements. Is-Segretarju Eżekuttiv għamel il-verifiki mal-accountant tal-Kunsill u pprovda t-tweġibiet għall-mistoqsijiet li saru.

3.25.5.2 **Talba biex Isiru Aktar Toqob għall-Arbli tal-Festa**

Is-Segretarju Eżekuttiv irċieva kommunikazzjoni mingħand is-Segretarju Ġenerali President tal-Circolo San Giuseppe Filarmonika għall-approvazzjoni biex jitħaffru toqob ġodda għall-arbli tal-festa fi Triq is-Sienja, Wesget l-10 ta' Diċembru 1897, Triq it-Turretta u Triq San Mikiel.

Il-Kunsill unanimament qabel mat-talba.

3.25.5.3 **It-Tieni Pakkett ta' Tlett Skemi Maħruġa mid-Diviżjoni Għall-Gvern Lokali Għas-Sena 2025**

Il-Kunsill irċieva kommunikazzjoni mid-Diviżjoni Għall-Gvern Lokali dwar l-it-tieni parti tal-pakkett ta' l-iskemi li jista' japplikaw għalihom il-Kunsilli Lokali.

L-ewwel skema hija Estressjoni ta' Interess – Finanzjament Karnival 2026 li tagħlaq fis-17 ta' Ġunju 2025. Il-Kunsill unanimament qabel li japplika għal din l-iskema.

It-tieni skema titratta dwar Fond ta' Manutenzzjoni u Sostenn ta'Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali li tagħlaq fit-fl-24 ta' Ġunju 2025. Il-Kunsill ser jikkunsidra din l-iskema u jressaq il-proposti tiegħu aktar `il quddiem.

It-tielet skema hija Finanzjament – Komunitajiet aktar b'saħħithm u ta' Kwalita` li tagħlaq fid-29 ta' Lulju 2025. Il-Kunsill mhux interessat li japplika għal din l-iskema.

**3.25.6 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera**

Is-Sa Speranza Chircop

3.25.6.1 Is-Sa Chircop organizzat ħarġa kulturali ġewwa r-Rabat, f'dar li llum il-ġurnata saret Mużew.

3.25.6.2 Is-Sa Chircop ser torġanizza mawra fi Sqallija fil-11 ta' Ġunju 2025 għall-prezz ta' €135. Il-prezz jinkludi l-katamaran u spejjeż relatati mat-trasport. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal din il-mawra.

3.25.6.3 Is-Sa Chircop qed tfassal pjan sabiex tiġi organizzata ħarġa kulturali mmirata għall-irġiel.

3.25.6.4 Is-Sa Chircop fakkret li l-kors tal-FITA mtella' mill-Active Aging fadallu żewġ sessjonijiet oħra.

Is-Sa Maria Sultana

3.25.6.5 Dwar il-Kunsill ta-Tfal, is-Sa Sultana qalet li bħalissa għaddejjin b'diskussjonijiet u fakkret li ser jintbagħat tfakkira dwar il-laqgħa li jmiss. Min-naħa tar-Rights Projects qed isiru l-preparamenti tal-Minuti tal-Laqgħa tat-Tfal li saret u li l-istess Minuti ser jiġu annessi mal-Minuti tal-Kunsill. Hija semmiet li matul il-Laqgħa tat-Tfal, xi uħud minnhom issuġġerew li jitwaħħal *dog bin* fil-Bajja tar-Rinella.

Is-Sa Sultana beħsiebha torganizza xi attivita' għat-tfal ġewwa x-Shoreline fi SmartCity.

Hija nnutat li li fil-laqgħa tat-Tfal hemm qabża kbira fl-eta` bejniethom peress li l-eta' li wieħed jieħu sehem hija bejn 6 u 16 -il sena.

3.25.6.6 Is-Sa Sultana attendiet is-*Celebration Day* tal-iskola tal-Verdala u ppreżentat ktieb. Hija wkoll ser tattendi l-iskola Medja f'Bormla u mhux ser ikun hemm bżonn li jiġi ppreżentat *token*. Is-Sindku rringrazzja lis-Sa Sultana talli qed tieħu ħsieb dan l-avvenimenti.

3.25.6.7 Is-Sa Sultana qalt li bħalissa għaddejja diskussjoni mal-iSchool Grannies peress li nqalgħet xi kwistjoni. Għalhekk flimkien mas-Sindku hija ltaqgħet magħhom. Ġie deċiżli li jitkellmu mal-Kap tal-iskola u b'hekk il-ġimgħa d-dieħla ser issir laqgħa magħha.

Bi ftehim mal-iSchool Grannies, is-Sindku flimkien mas-Sa Sultana ser jibdew jagħmlu laqgħa f'kull term tal-iskola. Is-Sindku qali li s-servizz tal-iSchool Grannies ħalli mpatt pożittiv ħafna.

Is-Sur Vincent Bongailas

3.25.6.8 Is-Sur Bongailas irringrazzja l-istudenti tal-MCAST li b'mod volontarju huma ġew taw il-kontribut tagħhom fil-Kalkara. Is-Sur Bongailas ser jagħti ċertifikat lil dawn l-istudenti tal-sehem tagħhom.

3.25.6.9 Is-Sur Bongailas jixtieq li post adekwat sabiex il-Kunsill jinvesti f'*outdoor gym* li jkun magħmul mill-injam appożitu. Is-Sindku talbu biex jiddentifika post. Is-Sur Bongailas ippropona Ġnien is-Salvatur. Il-Kunsill unanimament qabel mal-proposta tas-Sur Bongailas.

3.25.6.10 Is-Sur Christopher Bruno

Is-Sur Bruno nnota li madwar il-Kalkara hemm 3 postijiet kkunsidrati bħala *hot spots* iġifieri li huma postjiet fejn jistgħu jiġru inċidenti stradali. Il-postijiet huma hdejn il-Madonna tal-Kapuċċini, ħdejn il-Pickless Butcher u bejn Triq is-Sienju u Triq Melchiore De Robles.

**3.25.7 Punti Ġenerali**

3.25.7.1 Is-Sa Speranza qalet li qiegħed jaqa' xi ġebel minn fuq is-swar.

3.25.7.2 Is-Sa Sultana talbet kopja tal-aġġornament fid-dekasteri.

3.25.7.3 Is-Sa Sultana talbet sabiex jitħawlu siġar fl-akkwati ta' quddiem il-Bajja tar-Rinella biżwit Triq Rinella.

3.25.7.4 Is-Sa Sultana talbet sabiex bħal kull sena, il-Bajja tar-Rinella jkollha *refreshing* taż-żebgħa inkluż tibjid tal-puġġaman tal-ħadid ta' madwar il-bajja.

3.25.7.5 Is-Sur Bongailas talab biex il-*bus shelter* ta' quddiem l-Esplora jsir wieħed ġdid. Is-Sindku qal li il-ħaddiem tal-Kunsill ser jaraw x-xogħolijiet involuti sabiex jiġi restawrat. identi u jħalluhom għal riħhom.

**3.25.8 Mistoqsijiet lis-Sindku**

3.25.8.1 Ma kienx hemm.

**3.25.9 Mozzjonijiet**

Ma kienx hemm.

**3.25.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**

Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda tal-ħlas kienet intbagħtet permezz tal-imejl lil kull Kunsillier din il-ġimgħa biex kull Kunsillier ikollu ċ-ċans jivverifika qabel japprova l-istess pagamenti.

Fuq proposta tas-Sa Speranza Chircop ssekondata mis-Sur Vincent Bongailas, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-pagamenti nkluż l-iskeda tal-pagamenti li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti.

**3.25.11** **Tmiem il-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss**

Is-seduta ntemmet fit-4.55pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 22 t' April 2025, fil-3.00pm. Il-kumplament tal-Kunsill qabel unamimament.

Konfermati, illum 3 ta' April 2025

**Wayne Aquilina**
**Sindku**

**Etienne Scicluna**
**Segretarju Eżekuttiv**